**STQARRIJA STAMPA:**

**L-14-il Konferenza Annwali tal-NCPE**

Il-promozzjoni tal-ugwaljanza, l-investigazzjoni ta’ każijiet ta’ allegat diskriminazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni tal-*Equality Mark* u l-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol kienu l-oqsma li ġew diskussi fl-14-il Konferenza Annwali tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) li ġiet organizzata fid-29 ta’ Mejju.

Il-Konferenza ġiet indirizzata mill-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, l-Onorevoli Dr. Helena Dalli, li semmiet l-inizjattivi tal-gvern u l-iżviluppi li jikkonċernaw l-ugwaljanza li saru fl-aħħar sena. Matul il-Presidenza ta’ Malta għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea l-ugwaljanza kienet waħda mill-għanijiet prinċipali fil-qasam tal-impjieg u l-politika soċjali.

Il-Ministru Dalli semmiet il-miżuri li ttieħdu sabiex tisaħħaħ l-ugwaljanza għal persuni LGBTIQ, bħall-introduzzjoni taż-żwieġ ċivili għall-koppji tal-istess sess, li għenu biex Malta żżomm postha fl-ewwel post fl-ILGA *rainbow index* għat-tielet sena konsekuttiva.

Ġie mniedi l-Kunsill Konsultattiv fuq id-drittijiet tan-nisa biex jiffaċilità d-djalogu bejn il-gvern u s-soċjetà ċivili. Il-Gvern huwa impenjat ukoll biex ikompli jappoġġja iżjed nisa jidħlu jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol għal żieda konsistenti f’dan il-qasam fejn fl-aħħar erba’ snin kien hemm żdieda ta’ 9.8%, li fl-2017 leħqet 56.7%.

Sabiex tikkonkludi, Dr Dalli qalet li l-Ministeru qiegħed jaħdem biex l-NCPE issir Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet Umani u l-Ugwaljanza u jissaħħaħ il-mandat u l-poter ta’ sanzjonar. Din il-leġiżlazzjoni hija maħsuba biex tibda tiġi diskussa fil-Parlament din is-sena.

Seba’ (7) organizzazzjonijet ġodda ġew mogħtija ċ-ċertifikat tal-*Equality Mark* mill-Ministru Dalli, waqt li erbatax (14) organizzazzjoni oħra ġew ċertifikati mill-ġdid. Dan iċ-ċertifikat huwa mogħti lil dawk il-kumpaniji li verament iħaddnu l-ugwaljanza fil-politiki u l-prassi tax-xogħol tagħhom. Issa hemm iktar minn 21,650 impjegat f’85 kumpanija li jaħdmu f’kundizzjonijiet ugwali ċertifikati.

Renee Laiviera, il-Kummissarju tal-NCPE, preżentat ix-xogħol li għamlet l-NCPE fl-2017. Waqt il-Presidenza ta’ Malta tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, l-NCPE kellha l-opportunità li tipparteċipa iżjed b’mod attiv fuq oqmsa relatati mal-ugwaljanza fuq livell Ewropew. B’mod partikulari, l-NCPE tat il-kontribut tagħha għall-abbozz tal-Konklużżjonijiet tal-Kunsill fuq ‘*Enhancing the Skills of Women and*

*Men in the EU Labour Market*' u l-adozzjoni tagħhom, f'Marzu 2017. L-NCPE ipparteċipat ukoll fil-laqgħa tal-*High Level Group on Gender Mainstreaming* li saret f'Malta.

L-investigazzjoni ta' ilmenti ta' allegat diskrimazzjoni kompliet matul is-sena l-oħra, bħala aspett kruċjali tax-xogħol tal-NCPE. Is-Sra Laiviera spjegat li l-NCPE tagħti rispons għall-politiki u dokumenti minn entitatijet nazzjonali u internazzjonali filwaqt li tipprovdi taħriġ lil diversi persuni interessati, li fl-2017 ammontaw għal 63 sessjoni ta' taħriġ għal 1,300 parteċipant.

Ir-rilevanza tar-rwol tal-irġiel fl-ugwaljanza tal-ġeneru kienet il-bażi ta' sett ta' inizjattivi mwettqa mill-NCPE fl-2017. L-għan ta' dan ix-xogħol kien li l-isterjotipi tas-sessi jiġu indirizzati u biex jiġu enfassizati l-benefiċċji ta' miżuri għall-familja kemm għal mara u kif ukoll għar-raġel permezz tal-proġett *Equality beyond Gender Roles.* Is-Sra Laiviera tat informazzjoni dwar il-kampanja *PayM€qually* li pprovdiet informazzjoni fuq il-midja tradizzjonali u anke fuq il-midja soċjali dwar id-differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel lil persuni interessati u lill-pubbliku ġenerali.

Matul il-Konferenza, il-Maniġer tal-NCPE (Policy u Training) Stephanie Magro Gazzano spjegat il-proċedura tal-investigazzjonijet tal-NCPE fuq każi ta' diskriminazzjoni u iddiskrevit żewġ każi: wieħed dwar it-trattament mhux ġust fuq bażi ta' razza u oriġini etnika, u l-każ l-ieħor kien fuq diskriminazzjoni fil-provvista' ta' prodotti u servizzi fuq bażi ta' ġeneru.

Is-salvagwardja tal-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol kienet indirizzata mis-Sra Michelle De Giorgio, Maniġer (HR u Admin, Adpro-Instruments Ltd) fejn enfasizzat il-miżuri proattivi li min iħaddem għandu jieħu biex jagħmel il-post tax-xogħol inklussiv għal kulħadd billi jiġu indirrizati l-bżonnijiet u l-isfidi li jiġu ffaċjati bihom gruppi soċjali differenti u l-miżuri attivi li hemm bżonn biex id-diskriminazzjoni u l-fastidju jkunu mwaqqfa. Wara kien hemm *workshops* mal-parteċipanti li ddiskutew dan is-suġġett. Il-punti li qamu waqt dawn il-*workshops* se jiġu kkunsidrati mill-NCPE bħala parti mill-proċess ta' konsulatazzjoni regulari biex issaħħaħ ix-xogħol tagħha rigward l-ugwaljanza u non-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol.

Ir-Rapport Annwali tal-2017 tal-NCPE jista' jittieħed minn www.equality.gov.mt

**It-Tlieta, 29 ta' Mejju 2018**